**28 ta' Jannar, 1963**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**
**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**
**Onor. Dr. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Rosa Holland et.

*versus*

Mary Bearpark

**Lokazzjoni — Bord tal-Kera — Mard tal-Inkwilin — "Alternative Accomodation" — "Character".**

*Il-prinċipju illi fil-konsiderazzjoni tal-"character" ta' fond offert bħala "alternative accomodation" l-aktar li wieħed għandu jifhem bi "suitability' huwa x-xorta, jew kwalità, jew fat-*

*tezzi jew karatteristici tal-fond, u mhux ukoll l-istat tal-persuna li lilha l-fond jigi offert, huwa skorrett; ghaliex jista' jaghti l-kaz illi fond, li fih innifsu jkun "suitable", jirrizulta manifestament inidoneu meta jigi mehud in konsiderazzjoni l-istat ta' sahha tal-persuna li ghandha tokkupah.*

*L-ezami tal-"alternative accomodation" ma ghandux ikun oggettiv, imma ghandhom jitqiesu l-bzonnijiet u c-cirkustanzi partikulari tal-kerrej u tal-familja tieghu; b'dan, però, illi l-bzonnijiet u c-cirkustanzi partikulari li ghandhom jitqiesu f'din l-indagni huma dawk li jistghu jidhlu taht l-aspett tas-"suitability" li l-ligi stess tikkontempla, cjoè il-mezzi tal-kerrej, il-kobor jew "extent" tal-fond, il-vicinanza tieghu ghall-post tax-xoghol, u l-"character", jew sura.*

*Jekk minhabba l-mard tal-kerrej il-fond ma jkunx adatt ghalieh, avvolja taht aspetti ohra jkun tajjeb bhala "alternative accomodation", allura dak il-fond ghandu jitqies "unsuitable", u timponi ruhha l-indagini l-ohra dwar il-"hardship" rispettiv tal-partijiet sabiex ikun jista' jigi milqugha jew michuda t-talba tas-sid ghar-ripreza ta' pussess tal-fond li jkun fil-kwistjoni.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrenti quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera biex jigu awtorizzati jirriprendu pussess tal-fond 81 Tigne' Street, Sliema, billi ghandhom bzonnu ghal binhom Anthony Holland;

Rat id-decizjoni ta' dak il-Bord tat-30 ta' Ottubru 1962, li biha ddecieda billi laqa' t-talba, purkè jkun hemm "available" ghall-intimata l-fond numru 559A. Flat I, St. Paul's Street, St. Paul's Bay, taht il-kondizzjonijiet imsemmija fis-sentenza kif offerti mir-rikorrenti, u ghall-fini tal-izgumbrament ta' zmien ta' xahrejn; bl-ispejjez bla taxxa; wara li kkunsidra;

Illi r-rikorrenti jridu l-fond ghal binhom Anthony li kien sejjer jizzewweg, u fil-fatt izzewweg in pendenza ta' din il-kawza. Huma offrew lill-intimata, bil-kera ta' £44 fis-sena bhal ma qeghdha thallas ghall-post in kwistjoni, u ghal zmien ta' tmien snin li jorbot biss lilhom, il-flat I, 559A. St. Paul's Street, St. Paul's Bay;

L-intimata hija mara wehedha, u tissulloka, jew kienet

tissulloka, parti mid-dar in kwistjoni. Għandha però magħha l-kuġina tagħha li ilha tgħix magħha ħames snin, ċjoè minn mindu ġiet mill-Ingilterra. Mal-ġurnata tkun għand in-neputijiet tagħha, imma bil-lejl dejjem toqgħod mal-intimata;

L-intimata tbati bil-"gall-stones", u għalhekk ma tridx li toqgħod weħedha; għaliex jagħtuha attakki severissimi anki bil-lejl, u jkollha bżonn assistenza jew min imurilha għat-tabib. L-intimata għandha ħuha li joqgħod tas-Sliema u ieħor ir-Rabat, u l-kuġina tagħha ma tmurx magħha San Pawl il-Baħar, għalkemm ma għandhiex dar tagħha;

Il-fond offert bħala "alternative accomodation" San Pawl il-Baħar, flat I, 559A. St. Paul's Street, huwa post terran u huwa wieħed minn żewġ appartamenti f'korp wieħed; mill-entrata komuni nidħlu ġo kamra kbira b'aċċess għall-bitħa fil-ġenb kamra tal-banju u gabinett tad-W.C., kamra aktarx kbira, kamra kbira u oħra żgħira; u biċċa ġnien wara nett;

L-intimata oġġezzjonat għall-post offert prinċipalment għaliex qiegħed San Pawl il-Baħar, fejn ma għandha ħadd minn niesha u fejn ma tmurx il-kuġina tagħha, fil-waqt li għandha bżonn xi ħadd magħha minħabba l-attakki tal-marda li tbati biha, attakki li ħafna drabi jkunu mprovviżi;

Fuq il-prinċipju enunċjat fil-kawża "Pace vs. Debono" (Appell 30 ta' Novembru 1959), il-Bord ma jarax illi dan jaffetta s-"suitability", imma jidħol fil-valutazzjoni tal-"hardship" fil-każ illi l-fond ma jissodisfax dak li trid il-liġi għal dak li huwa "extent", "character", u kera in relazzjoni għall-mezzi tal-intimata. Ir-raba' rekwiżit, tad-distanza mill-post tax-xogħol, f'dan il-każ ma jidħolx;

Jista' jkun hemm dubju jekk il-fond offert jissoddisfax l-element tal-"character", mħabba l-marda tal-intimata; imma b'"character" wieħed l-aktar li għandu jifhem huwa x-xorta jew kwalità jew fattezzi jew karatteristiċi tal-ħaġa, kif għallmet l-istess Qorti tal-Appell in re "Farrugia vs. Caruana", 12 ta' Diċembru 1958;

Issa, kieku l-post kien f'xi post diżabitat ta' San Pawl il-Baħar, jew b'xi aċċess diffiċli, jew kellu fih xi difetti li

minħabba l-marda tagħha l-intimata ma kienetx tista' tużah, allura l-fond seta' jkun "unsuitable", sija ġenerikament sija speċifikament, minħabba l-marda tal-intimata; imma, ladarba xejn ma jista' jingħad dwar il-kwalità jew fattezzi jew karatteristiċi tiegħu, ma jistgħax jingħad illi minħabba l-marda tal-intimata l-post ma jistgħax jiġi wżat. Del resto, għan-nuqqas ta' kumpannija jew assistenza tal-kuġina tagħha, l-intimata tista' dejjem tirrimedja permezz ta' xi ħadd ieħor;

Taħt aspetti oħra, l-fond ma jidherx illi huwa "unsuitable" għaliha għal dak li huwa "extent" u "character" in ġenerali, jiġifieri meħud in konsiderazzjoni illi l-intimata għandha magħha l-kuġina tagħha, jew jista' jkollha bżonn ta' xi persuna, kif ukoll il-kondizzjoni soċjali tagħha. Kwantu għali-kera, dan huwa daqs kemm qegħdha tħallas l-intimata, għalkemm hemm anqas kumditajiet. Il-kera però għandu jiġi kunsidrat in relazzjoni għall-mezzi tal-inkwilin, u fuq dan l-intimata ma għamlet ebda lment;

Għalhekk, billi fil-fehma tal-Bord il-fond hu "suitable", il-Bord għandu jieqaf hawn, mingħajr ma jidħol fil-konsiderazzjonijiet li jistgħu jaffettaw biss il-valutazzjoni tal-"hardship";

Rat ir-rikors li bih l-intimata appellat minn dik is-sentenza u talbet li tiġi revokata, u li t-talba tar-rikorrenti tiġi miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

L-ilment tal-appellanti huwa illi fil-konsiderazzjoni tas-"suitability" tal-fond offert lilha bħala "alternative accomodation" il-Bord illimita ruħu li jeżamina jekk dak il-fond kienx obbjettivament adatt għaliha, u enunċja l-prinċipju illi fl-eżami tal-"character" wieħed l-aktar li għandu jifhem huwa x-xorta, jew kwalità, jew fattezzi jew karatteristiċi tal-fond, u mhux l-istat ta' saħħa tal-persuna li lilha l-fond ikun qiegħed jiġi offert. Fil-fehma tal-appellanti, dan il-prinċipju hu evidentement skorrett, għaliex jista' jagħti l-każ li, għalkemm il-fond offert ikun per sè "suitable", meta jiġi meħud in konsiderazzjoni l-istat ta' saħħa tal-persuna

li għandha tokkupah, jirriżulta manifestament inidoneu, kif ġie ritenut minn din il-Qorti;

L-appellati, għall-kuntrarju, issottomettew illi l-eżami tal-fond, għall-finijiet ta' din l-indaġini, għandu jkun obbjettiv; u in sostenn ta' din is-sottomissjoni għamlu riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti tat-13 ta' Ottubru 1961 fil-kawża "Cachia vs. Schembri";

Fil-fehma tal-Qorti, dik is-sentenza ċitata mill-appellati ma tista' tgħin xejn għas-soluzzjoni tal-kwistjoni preżenti. Hu veru li fiha semmiet il-kelma "oġġettivament", u ntqal illi l-"alternative accomodation" għandha titqies fiha nnfisha; iżda dawn il-kliem intqalu f'kontest partikulari li ma j sta' jħalli ebda dubju dwar dak li kienet allura qegħdha tgħid il-Qorti. F'dak il-każ, il-Bord kien irritjena l-"alternative accomodation" "suitable" unikament għaliex, paragunata mal-fond attwalment okkupat mill-kerrej, il-Bord deherlu li kienet "suitable" taħt l-aspetti kollha, u taħt ċerti aspetti anki xi ftit aħjar. Din il-Qorti dehrilha illi dak il-kriterju ta' valutazzjoni kien legalment skorrett, għaliex, meta l-bażi għall-iżgumbrament tal-kerrej tkun l-"availability" ta' "alternative accomodation", jeħtieġ illi din tkun tassew "reasonably suitable" fiha nnfisha, u mhux merament għax mhux agħar jew xi ftit aħjar mid-dar okkupata. "Is-sempliċi fatt" — qalet il-Qorti — "illi l-"alternative accomodation" mhix agħar mid-dar okkupata ma jirrendihiex fiha nnfisha "reasonably suitable", bħal ma l-fatt illi, konversament id-dar okkupata tkun aħjar mill-"alternative accomodation" ma jeskludix neċessarjament li din titqies "suitable", jekk tassew, oġġettivament, ċjoè kunsidrata fiha nfisha ndipendentement mill-paragun mad-dar okkupata, hi tassew tali taħt l-aspetti kollha kontemplati mill-liġi. Dan il-paragun mad-dar okkupata, fil-waqt li għalhekk mhux deċiżiv għall-finijiet tal-kwistjoni tas-"suitability", jista' jkun rilevanti fil-kwistjoni tal-paragun tal-"hardship";

F'dik is-sentenza, għalhekk, il-Qorti ma qaletx, u, għal raġunijiet wisq ovvji, ma setgħetx tgħid, illi għall-finijiet tal-indaġini tas-"suitability" il-fond għandu jitqies oġġettivament, fis-sens li jitqies bħal li kieku fl-astratt, mingħajr riferenza għall-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi partikulari tal-kerrej u l-familja tiegħu. Dan anqas kien ikun jagħmel

sens u kien ikun kontra dak li tgħid il-liġi u dak li dejjem qalet din il-Qorti. Iżda, s'intendi, il-bżonnijiet u ċ-ċirkustanzi partikulari u personali li jistgħu jiġu rigwardati f'din l-indaġini huma dawk li jistgħu jidħlu taħt l-aspetti tas-"suitability" li l-liġi stess tikkontempla, ċjoè il-mezzi tal-kerrej, il-kobor jew "extent" tal-fond, il-viċinanza tiegħu għal post tax-xogħol, u l-"character", jew sura;

Fil-każ preżenti, il-kwistjoni taġġira ruħha dwar dan l-aħħar aspett, ċjoè il-"character". Bir-rispett kollu, din il-Qorti ma tifhemx ċar ir-raġunament li għamel il-Bord fuq dan l-aspett, inkwadrat fiċ-ċirkustanzi tal-każ, u jidher li bilfors hemm xi ekwivoku. Il-Bord qal hekk:— "Jista' jkun hemm dubju jekk il-fond offert jissoddisfax l-element tal-"character" minħabba l-marda tal-intimata, imma b'"character' wieħed l-aktar li għandu jifhem huwa x-xorta jew kwalità jew fattezzi jew karatteristiċi tal-ħaġa, kif għallmet l-istess Qorti tal-Appell in re "Farrugia vs. Caruana", 12 ta' Diċembru 1958." U aktar il-quddiem il-Bord kompla jgħid:— "Imma ladarba xejn ma jista' jingħad dwar il-kwalità, jew fattezzi jew karatteristiċi (tal-fond offert), ma jistgħax jingħad illi minħabba l-mard tal-intimata l-post ma jistgħax jiġi wżat". Dan il-mod ta' raġunament donnu jfisser illi, fil-fehma tal-Bord, hemm kontrast jew konflitt bejn li tgħid illi taħt l-aspett tal-"character" l-"alternative accomodation" għandha tissodisfa anki l-eżiġenzi tas-saħħa tal-kerrej u l-familja tiegħu, u li tgħid illi "character" ifisser ix-xorta, jew kwalità, jew fattezzi jew karatteristiċi tal-fond. Invece, fil-verità, ma hemm ebda kontrast jew inkonċiljabbiltà. Fil-kawża "Farrugia vs. Caruana", imsemmija mill-Bord, l-appellant, li kien is-sid, kien jippretenda illi "character" ta' fond offert, jew xort'oħra "available" għall-kerrej bħala "alternative accomodation", ifisser biss, għall-konsiderazzjoni tas-"suitability", li-"standing", ossija "klassi", biex ngħidulha hekk, "soċjali" tiegħu, u talvolta tal-viċinat fejn ikun sitwat. Din il-Qorti ċaħdet enfatikament dik il-pretensjoni u affermat illi, għalkemm dik il-kelma "ċertament" kellha anki dak is-sinifikat, bl-ebda mod, però, ma kellha dak is-sinifikat biss. Skond l-użu ordinarju, il-kelma "character" għandha diversi sinifikati, fosthom forsi l-aktar komuni u ġenerali, dak tax-xorta jew kwalità jew fattezzi jew karatteristiċi tal-ħaġa. Ma kienx hemm dubju illi, fit-test tal-liġi, dik il-kelma hi wżata fit-tifsir ġeneriku tagħha. "Kwindi", ikkonkludiet dik is-sentenza,

"appuntu għaliex il-kelma "character" għandha dan is-sinifikat ġeneriku u komprensiv, fl-eżami tas-"suitability" taħt l-aspett tagħha jistgħu, u għandhom, jiġu eżaminati, wkoll l-eżiġenzi tas-saħħa tal-kerrej";

Dan vwoldiri illi l-propożizzjoni legali, loġika u korretta, li temana minn dik is-sentenza hi din, ċjoè illi, meta fil-kawża jkun hemm kwistjoni ta' mard jew inkapaċità tal-kerrej, jew ta' xi membru tal-familja tiegħu, il-Bord, biex jista' jirritjeni l-fond "available" bħala "alternative accomodation" (jekk ikun hemm) "reasonably suitable" taħt l-aspett tal-"character", għandu jissodisfa ruħu illi x-xorta, jew il-fattezzi, jew il-kwalità, jew il-karatteristiċi tiegħu, inkluża s'intendi l-lokalità, jissodisfaw anki l-eżiġenzi ta' dak il-mard jew inkapaċità;

Fil-fehma tal-Qorti, il-Bord, bil-mod li rraġuna f'dan il-każ, u bl-istess eżempju li pprospetta irrestrinġa ndebitament dak il-prinċipju. L-appellanti, minn ħafna snin għandha toqgħod torqod magħha kuġina li ma għandhiex dar oħra tagħha. Hi oġġezzjonat għall-post offert prinċipalment għaliex, kif esprima ruħu l-Bord, "dan qiegħed San Pawl il-Baħar fejn ma għandha ħadd minn niesha, u fejn ma tmurx il-kuġina tagħha, fil-waqt li għandha bżonn xi ħadd magħha mħabba l-attakki tal-marda li tbati biha, attakki li ħafna drabi jkunu "mprovviżi". Il-Bord irritjena illi dan ma jaffettax is-"suitability", imma, kif qal hu, "fuq il-prinċipju enunċjat fil-kawża "Pace vs. Debono", jidħol fil-valutazzjoni tal-"hardship", kemm il-darba fil-każ illi l-fond ma jissoddisfax dak li trid il-liġi għal dak li hu "extent", "character", u kera in relazzjoni għall-mezzi tal-appellanti";

Issa, l-ewwel nett din il-Qorti ma jidhrilhiex illi fil-kawża "Pace vs. Debono" ġie stabbilit ebda prinċipju. Dak li ntqal fiha kien strettament relatat għaċ-ċirkustanzi partikulari ta' dak il-każ, u ma jistgħax jiġi kunsidrat bħala massima applikabbli indistintament għal ċirkustanzi wisq diversi. Anzi, jekk f'dik is-sentenza jista' jingħad li hemm xi prinċipju, dan jidher li jsostni l-kontra ta' dak li rritjena l-Bord. Infatti, f'dak il-każ kienu ġew offerti żewġ postijiet bħala "alternative accomodation" lill-inkwilina li kienet toqgħod Dingli Street, tas-Sliema, wieħed Każal Pawla u l-ieħor ftit passi l-bogħod minn fejn kienet toqgħod, ċjoè fi

New Street. Il-fond ta' Każal Pawla ma kienx in diskussjoni fl-appell. Għalkemm kien irriżulta u ġie kunsidrat fis-sentenza tal-Bord illi l-appellata kellha uġiegħ kroniku f'riġlejha t-tnejn, kawżat minn osteo-atrite tal-irkobtejn u tal-għarqub u nefħa kaġunata minn vini varikużi, u minħabba f'hekk ma kienx tajjeb għaliha li titla' taraġ, u kien ukoll irriżulta illi fejn kienet toqgħod kienet viċin ta' wliedha miżżewġa li jixtrulha huma, u li ma kienetx toħroġ ħlief rarament mid-dar u tmur il-knisja biss fil-ġranet talquddies il-Bord, meta ġie biex jiddiskuti s-"suitability" tal-"alternative accomodation" fi New Street, qal sempliċement:— "Anki dan ma jistgħax jissejjaħ 'unsuitable' bħala daqs għall-familja ta' tlieta minn nies, però huwa 'unsuitable' għall-intimata għaliex mhux viċin ta' wliedha miżżewġa daqs il-fond fejn qegħdha toqgħod il-lum......" Din il-Qorti dehrilha li b'dan il-mod il-Bord kien applika kriterju legalment żbaljat, in kwantu bbaża l-konklużjoni tiegħu fuq elementi, u fuq elementi biss, li jidħlu ċertament fl-eżami tal-"hardship", imma ma jidħlux fil-konsiderazzjoni tas"suitability" tal-fond offert bħala "alternative accomodation". Il-Qorti rraġunat hekk:— "Huwa veru illi din il-Qorti, fil-kawża "Farrugia vs. Caruana", deċiża fit-12 ta' Diċembru 1958, irriteniet illi l-kelma "character" użata fil-liġi bħala wieħed mil-kriterji tas-"suitability" għandha tiftiehem fit-tifsira ġenerika tagħha ta' 'xorta' jew 'kwalità' tal-fond offert, u mhux fis-sens biss ta' dak li hi l-'klassi' jew distinzjoni soċjali tiegħu; dan dejjem, però, relattivament għal dawk li huma l-eżiġenzi personali jew soċjali tal-kerrej u l-familja tiegħu għar-rigward tal-fond offert bħala 'accomodation', ossija dar. Infatti, id-diskussjoni f'dik il-kawża kienet jekk kellhomx jittieħdu f'konsiderazzjoni taħt l-aspett tal-"character" l-eżiġenzi tas-saħħa tal-kerrej jew tal-membri tal-familja tiegħu";

"Fil-każ preżenti", kompliet tgħid il-Qorti, "għalkemm fir-reċ'tazzjoni tal-fatti fil-konsiderandi ssemma illi l-appellata tbati minn uġiegħ kroniku f'riġlejha, kawżat minn osteo-artrite tal-irkobtejn u tal-għarqub u nefħa kaġunata minn vini varikużi, kif anki ċċertifika t-tabib Amato, id-deċiżjoni illi l-fond alternattiv mhux "suitable" "ma ġietx" (dawn l-aħħar żewġ kelmiet ġew sottolineati mill-Qorti f'dik is-sentenza) bażata b'ebda mod fuq dik ir-raġuni. Kieku dak kien il-każ, ma kien ikun hemm xejn legalment żbaljat, anki jekk talvolta l-mard ma kienx gravi ħafna;

din kienet biss kwistjoni ta' grad, u bħala tali sempliċi kwistjoni ta' apprezzament ta' fatt, li mhix sindakabbli minn din il-Qorti";

Inveċe, dik id-deċiżjoni ġiet bażata fuq żewġ inkonvenjenti li raġjonevolment ma jistgħux jitqiesu attinenti għall-"character" tal-fond. Apparti l-fatt illi għal dak li hi distanza mit-tfal miżżewġa, id-differenza mhix kbira bejn fejn l-intimata toqgħod issa u l-fond offert bħala 'alternative accomodation', din iċ-ċirkustanza ma tolqotx is-'suitability' ta' dan il-fond għall-appellata u l-familja tagħha;

Min dan jidher illi r-"ratio decidendi" ta' dik is-sentenza kienet appuntu illi bit-traslok tal-intimata minn dar għal dar oħra tas-Sliema wkoll, ftit passi aktar il-bogħod, dak kollu li kien ser jiġri kien l-inkonvenjent insinifikanti għall-ulied il-miżżewġa tal-appellata illi, biex jixtrulha, kien ikollhom jimxu dawk il-ftit passi aktar. Dan bl-ebda mod ma kellu relazzjoni, u infatti ma kien ġie mill-Bord bl-ebda mod relatat, mal-mard tal-appellata. It-traslok, jiġifieri, li kien ser isir ma kien bl-ebda mod jippriva lill-appellata minn xi kuri jew sorveljanza li dawk it-tfal kienu jirrendulha minħabba l-mard, u ma kien bl-ebda mod jirrendilha aktar gravuża jew anqas sigura l-kondizzjoni tagħha bħala mara marida. Kieku dan kien il-każ, tfisser u tgħid kważi testwalment dik is-sentenza, allura ma kien jkun hemm xejn żbaljat legalment fid-deċiżjoni tal-Bord. Kienet tkun biss kwistjoni ta' grad;

Inveċe, fil-fehma tal-Qorti, il-kwistjoni fil-każ preżenti hi preċiżament din. L-appellanti, jekk tkun kostretta li tmur minn tas-Sliema sa San Pawl il-Baħar, titlef għal kollox il-kumpannija u l-assistenza li, speċjalment matul il-lejl, tagħtiha l-kuġina tagħha li tgħix minn ħafna snin magħha bħala familja waħda, meta jkollha bżonn din l-għajnuna u assistenza jekk jagħtuha l-attakki (deskritti mit-tabib bħala penużi u gravi ħafna), li jistgħu jkunu anki mprovviżi. Tas-Sliema l-appellanti għandha wkoll lill-ħuha bil-familja tiegħu. Oltre dan, l-appellanti xehdet illi l-Professur Craig, (li, kif hu magħruf, joqgħod Ta' Xbiex) ġie li jmur anki bil-lejl minħabba l-attakki ta' uġigħ. Dottoressa Bajona qalet fiċ-ċertifikat fol. 11, li kkonfermat bil-ġurament fol. 10:— "Because of the attacks which may occur any time, patient should not live away from her family";

F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Qorti hi ta' fehma ċara illi l-"alternative accomodation" offerta San Pawl il-Baħar hi "unsuitable" minħabba l-lokalità, li bla dubju ta' xejn tidħol fis-sinifikat tal-kelma "character". Jekk, skond il-liġi, sid ma jistgħax joffri bħala "alternative accomodation" lill-inkwilin post f'lokalità li mhix konfaċenti għall-grad soċjali tiegħu, ma jidherx li jkun loġiku li tawtorizza lis-sid joffri bħala "alternative accomodation" lill-kerrej post f'lokalità mbegħda, fejn bilfors ser ikun ipprivat mill-kumpannija u l-assistenza ta' nies tal-familja li hu għandu bżonn minħabba l-mard tiegħu, u anki ser ikun wisq aktar imbiegħed mit-tobba li soltu jattenduh. Ir-riljev magħmul fis-sentenza appellata, fis-sens illi "għan-nuqqas ta' kumpannija jew assistenza tal-kuġina tagħha l-intimata tista' dejjem tirmedja per mezz ta' xi ħadd ieħor", hu, bir-rispett kollu, għal kollox inaċċettabbli. Preżumibbilment, il-Bord kellu f'moħħu seftura; iżda l-ewwelnett ma hemm ebda prova fil-proċess illi l-appellanti għandha l-mezzi biex iżżomm seftura biex torqod magħha. Hi xehdet illi issa sefturi ma għandhiex. It-tieni nett, żgur li ma kienx fil-kontemplazzjoni tal-liġi illi post alternattiv jista' jitqies "suitable" għal inkwilin marid, purkè jkun kostrett li għall-assistenza li issa qiegħed jirċievi minn bniedma mparentata u, preżumibbilment affezzjonata, jissostitwixxi seftura barranija;

Bil-mod li rraġuna l-Bord, jiġifieri illi "post offert għandu jitqies "suitable" jekk ma jkunx fih, "fih innifsu", xi difetti li minħabba fil-marda tiegħu l-inkwilin ma jkunx jista' jużah", l-inkwilin, per eżempju, paralitiku, biex wieħed jipprospetta każ estrem li jillustra aħjar il-fallaċja ta' dak ir-raġunament fil-konsegwenzi tiegħu, jew għama, li għal dak li hu mard fih innifsu jista' juża kwalunkwe post, jista' jiġi żgumbrat minn dar fejn joqgħod u fejn għandu l-assistenza u s-sorveljanza ndispensabbli ta' xi ħadd li jgħix miegħu, jew anki ta' qraba li jgħixu viċin, bl-offerta ta' post f'lokalità mbegħda fejn ser ikun ipprivat minn dik l-assistenza u sorveljanza. Kieku konsiderazzjonijiet bħal dawn (a differenza tal-inkonvenjent traskurabbli anqas relattiv għall-inkwilin marid, imma għat-tfal miżżewġa, konstatat fil-kawża "Pace vs. Debono" fuq imsemmija) kellhom jiġu njorati fil-konsiderazzjoni tas-"suitability", kien jiġri preċiżament dak li ssenjalat din il-Qorti fil-kawża, ukoll ġa msemmija, "Farrugia vs. Caruana", illi ċjoè dawk

l-istess konsiderazzjonijiet, kull meta jkun hemm offerta ta' "alternative accomodation", ma jitqiesu mkien; ma jidħlux fl-eżami tas-"suitability" għaliex (kieku kien validu r-raġunament) suppost mhumiex kompriżi fl-elementi elenkati mill-liġi, u ma jidħlux fl-eżami tal-"hardship" għaliex, rikonoxxuta s-"suitability" mingħajrhom, il-kwistjoni tal-"hardship" ma tidħolx;

Kif ġara appuntu fil-każ preżenti, skond is-sentenza appellata;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti jidhrilha illi skond il-liġi l-post offert kellu jitqies "unsuitable", u kwindi kien hemm lok li jsir il-paragun tal-"hardship" rispettiv. L-appellat irid il-fond issa mikri lill-appellata għat-tifel tiegħu li għadu kemm iżżewweġ. Dan it-tifel jaħdem mal-Militar f'Binġemma, u jaħdem bix-"shifts". Sa issa jmur għax-xogħol bil-car tiegħu, però, jekk jieħu l-post in kwistjoni bi ħsiebu jbiegħha u jibda juża l-fakoltà ta' trasport minn tas-Sliema stess sa fuq il-post tax-xogħol. Dan hu l-uniku "hardship" li ġie sottomess għall-appellat, illi ċjoè, jekk ibnu jieħu hu stess il-post ta' San Paw il-Baħar, ma jkunx jista' juża dak il-mezz ta' trasport dirett provvdut għall-impjegati, preżumibbilment fi "private bus" bil-ħlas. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-"hardship" ma jipparagunax ma' dak tal-appellanti jekk tiġi pprivata mill-fond fejn issa toqgħod u tkun kostretta li tmur tgħix San Pawl il-Baħar taħt iċ-ċirkustanzi li ġa ġew imsemmija;

Għalhekk il-Qorti tiddeċidi billi tilqa' l-appell, tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u konsegwentement tiċħad it-talba tal-appellati. L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi, jibqgħu bla taxxa.